



2025/90966

2.12.2025

Rettifika tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1645 tal-14 ta' Lulju 2022 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti għall-ġestjoni tar-riskji għas-sigurtà tal-informazzjoni b'impatt potenzjali fuq is-sikurezza tal-avjazzjoni għall-organizzazzjonijiet koperti bir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 u (UE) Nru 139/2014 u li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 u (UE) Nru 139/2014

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 248 tas-26 ta' Settembru 2022)

Fl-Anness, fil-paġna 24, fl-Artikolu IS.D.OR.200 (IS.D.OR.200 Sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni (ISMS)), il-punt (a)(5),

minflok: “(5) tiddefinixxi u timplimenta, f'konformità mal-punt IS.D.OR.220, il-miżuri meħtieġa biex tidentifika avvenimenti relatati mas-sigurtà tal-informazzjoni, tidentifika dawk l-avvenimenti li jitqiesu inċidenti b'impatt potenzjali fuq is-sikurezza tal-avjazzjoni ħliet kif permess mill-punt IS.D.OR.205(e), u twieġeb għal, u tirkupra minn, dawk l-inċidenti tas-sigurtà tal-informazzjoni;”,

aqra: “(5) tiddefinixxi u timplimenta, f'konformità mal-punt IS.D.OR.220, il-miżuri meħtieġa biex tidentifika avvenimenti relatati mas-sigurtà tal-informazzjoni, tidentifika dawk l-avvenimenti li jitqiesu inċidenti b'impatt potenzjali fuq is-sikurezza tal-avjazzjoni, u twieġeb għal, u tirkupra minn, dawk l-inċidenti tas-sigurtà tal-informazzjoni;”.